MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2004

Avviz Numru. 503/2004

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Joseph Mary Cutajar abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess Joseph Mary Cutajar**

**vs**

**Adrian Borg**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tal-atturi ghall-kundanna tal-konvenut ghal kull dikjarazzjoni ta' responsabbilita' skond il-Ligi, il-hlas tas-somma ta' elf, disa' mija u sitt Liri Maltin u tmienja u tletin centezmu (LM1906.38,0), in kwantu ghall-ammont ta' elf tminn mija u wiehed u**

**tletin Lira Maltin u tmienja u tletin centezmu (LM1831.38,0), jew somma ohra verjuri lis-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited, ammont rapprezentanti d-danni sofferti mill-attur assigurat taghha Joseph Mary Cutajar, u li ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta' attrici, u in kwantu ghas-somma ta' hamsa u sebghin Lira Maltin (LM75.00,0) lill-attur Joseph Mary Cutajar ammont rapprezentanti *excess payment* minnu mhallas, liema danni gew sofferti bhala rizultat ta' l-incident awtomobilistiku li sehh fil-10 ta' Frar tas-sena 2003 ghall-habta ta' 5.30a.m. gewwa Triq tal-Balal, Naxxar, bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JBD 865 proprjeta' ta' l-attur Joseph Mary Cutajar, misjuqa minn Jeffrey Cutajar u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta' registrazzjoni EAF 926, liema incident sehh unikament bhala rizultat tat-traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolament tat-traffiku da parti tieghu;**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' 21 ta' Ottubru tas-sena 2003, ta' l-ittra ufficjali li qed tintbaghat kontestwalment ma' dan l-Att lis-socjeta' Citadel Isnurance plc, u bl-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-imsemmija ittra ufficjali tal-21 ta' Ottubru tas-sena 2003, sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut li jibqa' minn issa ingunt ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tal-atturi sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fis-7 ta' Dicembru tas-sena 2004 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tal-atturi bl-spejjez kontra l-konvenut.**

**Marica Sammut**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------